# IT-TEACHER SPECJALI

Snin ilu John Hopkins ghazel grupp ta' studenti li kienu ghadhom kemm iggradwaw u tahom dan l-inkarigu: Morru fis-slums. Ghazlu 200 tifel bejn it-12 u is-16 il-sena u nvestigaw l-isfond familjari taghhom. Imbaghad bassru x'ser jigri minn dawn it-tfal.

L-istudenti wara li kkonsultaw bosta statistici socjali, tkellmu mat-tfal u gabru hafna nformazzjoni, ikkonkludew li 90 fil-mija tat-tfal subien kienu ser jghaddu xi hin fil-habs.

Hamsa u ghoxrin sena wara grupp iehor ta' studenti marru biex jaraw kemm kien preciz l-estimu ta' l-istudenti ta' qabilhom. Marru fl-istess pajjiz. Xi subien li issa saru rgiel kienu ghadhom hemm fl-istess lokal, ohrajn mietu u ohrajn telqu jew ghaliex sabu xoghol jew ghax izzewgu, imma ghamlu kuntant ma' 180 minn numru originali ta' 200. Sabu li kienu biss 4 mill-grupp li ntbaghtu l-habs. Ghaliex instab li kien hemm persentagg gholi minn dawn it-tfal li helsuha mill-hajja hazin li twassal sal-habs?

Dawn l-istudenti qalulhom li kien hemm imghallma mara li hadmet biex dan ma jsehhx.

L-istudent li kienu qed jaghmlu din ir-ricerka marru jsibu lil din il-mara li issa kienet qed tghix f'dar ta' l-anzjani. Meta staqsewha x'kien is-sigriet li halla marka hekk kbira biex dawn it-tfal ma jingarrux mal-kurrent tal-hazen, hija wiegbet hekk " Kont inhobbhom daqs li kieku kienu uliedi."

L-imhabba taghmel ghegubijiet kbar. L-imhabba taf tbiddel bniedem minn iljun ghan-nghaga.

Hekk ghamlet l-Imhabba ta' Alla maghna bnedmin. Alla hekk habb lid-dinja li ta lil Iben unigenitu tieghu biex minn jemmen fih ma jintilifx izda jkollu l-hajja ta' dejjem. Minn ghedewwa tieghu l-Imhabba ta' Alla bidlitna fi hbieb tieghu, anzi f'uliedu bil-jedd li nirtu l-glorja tal-Genna. U inti kif tirreagixxi ghal din l-Imhabba ta' Alla lejk?